**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Leopold Butler, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 254290M**

Kump. Nru. 560/2016

Illum 12 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Leopold Butler talli:

1. Nhar is-26 ta' Awwissu, 2016, għall-ħabta tat-19:48 hrs ġewwa Bormla ikkommetta serq ta' diversi oġġetti li jinkludu vettura tal-għamla Isuzu, mutur tal-għamla Suzuki, magna Volvo Marine u oġġetti oħra li l-valur tagħhom jgħodd għal aktar minn (€35,000) ħamsa u tletin elf euro għad-dannu ta' Daniel Orsini u/jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa iżjed minn €2329.27, bil-persuna, bil-ħin u bix-xorti tal-ħaġa misruqa.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll tal-fatt li l-imputat irritorna ir-res furtiva appena mitkellem mid-derubat. Ittiehed ukoll konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li mill-ewwel ammetta mal-pulizija li hu wettaq dan l-agir wara li kien gie mcahhad mill-imghallem tieghu, id-derubat, mill-paga dovuta lilu meta hu ried jghajjex tarbija. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi disposta li taghti opportunita` lill-imputat sabiex jgharaf l-izball minn tieghu filwaqt li ma jitnaqqas xejn mill-gravita` ta' ghemilu. Fic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 261(b)(c)(d)(g), 263(a), 265, 267, 268(a), 271(g), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal dsatax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.

Illi ghar-rigward tal-hlas tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, mill-proces verbal esebit in atti jirrizulta li l-esperti Donald Tabone u PS558 Patrick Attard ghadhom ma pprezentawx ir-

relazzjoni taghhom u/jew ghadhom ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti, u ghalhekk ma jistghux jigu determinati definittivament l-ispejjez peritali. Ghalhekk il-hati ai termini tal-istess artikolu ghandu jhallas l-ammont ta' €610.99, kif ukoll dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**